MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 63/2004/1

**Michael u Mario Ciappara**

**vs**

**Pavin Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Ottubru, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat it-2 ta' Frar tas-sena 2004 li permezz tieghu l-atturi sejhu lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lill-atturi danni sofferti u subiti minnhom, fl-ammont li ghandu jigi likwidat minn dina l-qorti u dana in konsegwenza ta' ksur ta' ftehim da parti tas-socjeta' konvenuta liema ftehim kien sar bejn il-partijiet (Dok A);

2. Illi dan il-ftehim gie miksur mis-socjeta' konvenuta billi naqset illi tikkonsenja l-merkanzija – "sanitary ware" – miftiehma lill-atturi u ghalhekk l-atturi kellhom jixtru din il-merkanzija minghand perzi bi prezz aktar gholi kif sejjer jgii pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Bl-ispejjez legali u bl-imghax sal-hlas effettiv inkluz ukoll l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru numru 125/2004 li gie prezentat nhar it-22 ta' Jannar tas-sena 2004;

4. Illi ghall-finijiet ta' kompetenza l-ammont ta' danni ma jeccedux it-tlett elef u tmien mitt Lira Maltin, (LM3,800.00,0);

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-18 ta' Frar tas-sena 2004 li permezz taghha s-socjeta' konvenut eccepiet is-sewgenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stnte illi s-socjeta' Pavin Limited kienet ipprocediet legalment fil-konfront ta' l-atturi permezz ta' citazzjoni numru 185/2003 fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili u dana ghall-hlas ta' bilanc dovut mill-"invoices" dovuti sa dak inhar, liema bilanc kien jammonta ghal ghaxart'elef, mija u hamsin Lira Maltin, (LM10,150.00,0);

2. Illi t-talba ghall-hlas saret fir-rigward ta' l-oggetti li kienu gew ikkonsenjati lill-atturi Ciappara u l-istess atturi mhux talli m'ghamlux kontro-talba ghat-talbiet attrici

izda fil-proceduri tal-kawza hawn fuq imsemmija kienu permezz ta’ nota fl-atti tal-kawza, ammettew it-talba maghmula minn Pavin Limited;

3. Illi fis-seduta ta’ nhar it-12 ta’ Mejju tas-sena 2003 l-Prim’Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Onor. Imhallef Geoffrey Valenzia laqghet it-talba tas-socjeta’ attrici Pavin Limited “kif ridotta ghall-ammont ta’ disat elef, mija u hamsin Lira Maltin u disgha u disghin centezmu, (LM9,150.99,0), bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta;

4. Illi sussegwentement ghas-sentezna hawn fuq citata, li ghaliha ma sar l-ebda appell, l-atturi Ciappara ghamlu diversi pagamenti akkont;

5. Illi nonostante s-sentenza hawn fuq imsemmija u nonostante l-ammisjoni ta’ l-atturi Ciappara, l-atturi Ciappara pprezentaw dan l-Avviz kif ukoll it-talba ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju bin-numru 125/2004 ghall-ammont ta’ tett elef u hames mitt Lira Maltin, (LM3,500.00,0);

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

7. Bl-ispejjez legali kollha kontra l-atturi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-atturi jiggestixxu “hotel” bl-isem ta’ “Euroclub”;

2. Illi l-atturi kienu ddecidew li jeffettwaw xi xoghlijiet ta’ ristrutturar fl-imsemmija “hotel” u wara diversi negozjati kkonkludew kuntratt ghax-xiri ta’ diversi kmamar tal-banju ma’ Kevin Fenech ta’ “Fenech Tile & Bathroom Centre” ta’ “Lucky Diver”, Triq S. Zerafa, il-Marsa, skond kif jidher fi-dokument a fol 2 et sequitur tal-process;

3. Illi precedentement ghal dan, il-partijiet indikati fil-paragrafu precedenti kienu wkoll ikkonkludew kuntratt li kien jirrigwarda l-madum ghall-istess fond;

4. Illi l-konsenja tal-kmamar tal-banju bl-affarijiet kollha ancillari u necessarji ghall-istess ma saritx fit-termini pattwiti;

5. Illi konsegwenza ta’ dan in-nuqqas ix-xoghol ta’ ristrutturar kellu jigi interrott;

6. Illi in oltre l-atturi kienu kostretti jixtru l-merkanzija li kien ghad jonqoshom biex jitterminaw ir-ristrutturazzjoni li kienu bdew;

7. Illi ghalhekk kellhom jirrikorru ghal din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi mid-dokumentazzjoni prodotta ma jirrizultax li l-atturi kkonkludew xi forma ta’ kuntratt mas-socjeta’ konvenuta;

Illi l-uniku darba li din is-socjeta’ tissemma’ hu min ex-impjegat ta’ l-atturi li jaccenna ghaliha verbalment minghajr ma pproduca l-ebda prova dokumentarja, (ara fol 112);

Illi ghar-rigward ta’ l-atturi nnifishom dawn, la jirreferu ghall-istess socjeta’ konvenuta u wisq inqas jipproducu xi dokument li permezz tieghu jistghu jakkollaw lill-istess socjeta’ bl-allegazzjonijiet taghhom vantati kontriha;

Illi bil-maqlub l-uniku prova vinkolanti li jipproducu fil-fatt tezonera lis-socjeta’ konvenuta de quo minn kull responsabbilita’ vantata kontra taghha, (ara fol 2 et seq u fol 18 et seq);

Illi d-dokumenti intestati b’isem is-socjeta’ konvenuta huma biss fatturi li fihom innifishom ma jikkostitwux prova tal-vinkolu kontrattwali allegat mill-atturi li de resto hu assodat f’persuna ohra;

Ghaldaqstant din il-qorti ma tqisx li l-atturi ppruvaw il-kaz taghhom skond il-ligi, u tirrespingi t-talbiet taghhom, bl-ispejjez.”

L-atturi hassewhom aggravati b’ din is-sentenza u appellaw minnha biex jitolbu r-revoka taghha u l-akkoljiment tat-talba taghhom fil-mertu. Minn dak kaptat mir-rikors ta’ l-appell jidher li l-ilment taghhom hu fondat fuq bazi duplici, u cjoe, (i) li proceduralment l-ewwel Qorti ma setghetx hi stess tqajjem l-eccezzjoni u tiddecidiha hi stess bi pregudizzju serju ghal kawza taghhom, u (ii) li, f’ kull kaz, il-provi jsostnu l-ezistenza ta’ rapport negozjali mas-socjeta` konvenuta mharrka;

Jirrizulta minn ezami tas-sentenza appellata illi l-parti operativa taghha, li fuqha hu bazat id-dispositiv, hi

koncepita fis-sens illi mid-dokumentazzjoni esebita fl-atti ma kienx jirrizulta negozju kontrattwali mas-socjeta` konvenuta u tali kien igib li kienet tonqos dik ir-relazzjoni guridika miranti ghall-produzzjoni ta’ l-effetti guridici fl-ambitu kuntrattwali.  Ghandu jigi osservat illi l-karenza ta’ dan ir-rapport guridiku ma gietx sollevat mill-kontroparti b’ xi eccezzjoni taghha imma kienet l-istess Qorti li qajmitha *marte proprio* u ddecidietha;

Dan premess, jigi rilevat, bhala l-ewwel osservazzjoni fil-fattispeci, illi hi regola dottrinali konfermata bosta drabi mill-gurisprudenza illi l-gudikant f’ sede Civili “ghandu, fl-ghoti tas-sentenzi f’ kawzi, joqghod rigorosament fil-limiti tal-kontestazzjoni b’ mod illi, waqt li hu obbligat li jokkupa ruhu mill-kwistjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, minn naha l-ohra ma jistax jitratta u jirrisolvi l-kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, a meno che non si tratta minn kwestjonijiet ta’ ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat li jirrileva *ex officio*”.  Ara “**Joseph Gatt -vs- Joseph Galea**”, Appell Kummercjali, 12 ta’ Lulju 1965. Huwa wisq evidenti illi fil-kaz prezenti ma kienet involuta ebda kwestjoni ta’ ordni pubbliku, anke ghaliex l-ezistenza, jew l-assenza, tar-rapport kontrattwali tinvolvi mill-vicin lill-partijiet fil-litigazzjoni u mhux ukoll lill-Qorti. Jigi ghalhekk illi la ma kien hemm ebda eccezzjoni fis-sens tal-parti operativa tas-sentenza, l-ewwel Qorti ma ghamletx sewwa li ssollevat il-punt minn rajha;

Apparti dan, il-Qorti jidhrilha, bir-rispett kollu, illi l-kwestjoni lanqas ma kien hemm lok ghaliha.  Fir-raffront li taghmel bejn ir-razzjonalita` tal-motivazzjoni u r-rizultanzi probatorji ssib li l-valutazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti tal-materjal probatorju tiddifetta minn gudizzju errat tal-kumpless tal-provi attendibbli;

Jirrizulta mill-atti illi l-atturi, fil-kwalita` taghhom premessa, htiegilhom jaghmlu ristrutturar tal-lukanda gestita minnhom.  Huma ghalhekk talbu kwotazzjonijiet minghand

forrnituri lokali, *inter alia*, dik esebita a fol. 18 mibghuta minn “Fenech Tile and Bathroom Centre” taht il-firma ta’ Kevin Fenech. Issa huwa minnu li l-attur Mario Ciappara jistqarr li l-ftehim sar ma’ Kevin Fenech u mhux mas-socjeta` konvenuta (ara deposizzjoni tieghu a fol. 16). Jidher pero` li f’ dan l-istess attur ma kienx preciz. Dan mhux biss ghar-raguni li x-xhud John Attard (fol. 111), ex-impjegat ta’ l-atturi, jiddikjara li fil-process tal-ghazla ta’ l-offerti l-imsemmi Kevin Fenech gie introdott lilu bhala direttur ta’ Pavin Ltd, imma ghaliex hu proprju l-istess Kevin Fenech li jaccetta, fuq domanda tal-Qorti, illi l-kontrattazzjoni saret u giet sottoskritta minnu ghan-nom tas-socjeta` konvenuta u mill-attur Mario Ciappara f’ ismu u f’ isem l-attur l-iehor missieru. Ara xhieda ta’ l-istess Kevin Fenech (fol. 74 *et seq.*) Kieku ma kienx hekk ma jsibux spjegazzjoni certi dokumenti bhal l-i*statement of account* (fol. 23) u *Quotation* Dok. MC11 a fol. 29. Fuq kollox, ma kienx mistenni li l-atturi odjerni, kienu ser jakkwietaw ruhhom ghall-azzjoni gudizzjarja (Citazz. Nru. 185/03/GC) li saritilhom b’ talba ghall-hlas tal-bilanc, konkjuza bis-sentenza tal-Prim' Awla, Qorti Civili tat-12 ta’ Mejju 2003 (ara kopja taghha a fol. 82);

Anke minn dawn il-ftit senjalazzjonijiet kellu jkun bil-bosta evidenti ghall-ewwel Qorti illi n-negozju guridiku f’ dan il-kaz kien konkjuz bejn l-atturi u l-kumpanija konvenuta, kif rapprezentanta minn Kevin Fenech. Jista’ forsi jizdied illi, kif gja ntqal, la ebda eccezzjoni f’ dan is-sens ma tqajmet mis-socjeta` konvenuta, kellu jkun ferm ovvju ghal dik il-Qorti illi din is-socjeta` kienet implicitament irrikonoxxiet hi stess l-ezistenza tar-relazzjoni negozjali. Is-sentenza appellata ghandha allura titqies li hi wkoll vizzjata fil-motivazzoni taghha ghar-raguni li din ma ssibx riskontru fil-provi;

Fic-cirkostanzi premessi l-Qorti hi ta’ l-opinjni li l-ahjar soluzzjoni li biha tista’ tidderimi l-kwestjoni sottomessa lilha hi dik li tigi annullata s-sentenza li minnha sar l-appell u li l-atti jigu rimessi lura lill-ewwel Qorti ghad-deliberazzjoni u decizjoni taghha tal-mertu tad-domanda

ta’ l-atturi u ta’ l-eccezzjonijiet ghaliha mis-socjeta` konvenuta, u li bis-sentenza prezenti ta’ din il-Qorti thallew impregudikati.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tipprovdi billi tilqa’ l-appell u b’ hekk thassar u tannulla s-sentenza appellata. Tirrimetti l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni u decizjoni skond il-ligi. L-ispejjez ta’ l-ewwel istanza jibqghu rizervati ghal gudizzju finali, dawk ta’ din l-istanza ghandhom fic-cirkustanzi jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------